# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/11, it-Tnejn 16 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 11 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2020 fil-5 u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

| | |
|---|---|
| Clayton Gauci | Kunsillier |

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Wistin Vella | Viċi Sindku |

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:47pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*

*11.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*

*11.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*

*11.4 Korrispondenza*

*11.5 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*

*11.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*

*11.7 Prekawzjonijiet dwar il-Covid-19;*

*11.8 Proġett tal-Mixtla tal-Facciol;*

*11.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

**11.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

11.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva apoloġija mingħand Clayton Gauci li ma setgħax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet personali.

11.1.2 Il-Kunsill laqgħa din l-apoloġija u approva li Clayton Gauci jitniżżel bħala assenti b' apoloġija fil-minuti tal-laqgħa.

**11.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

11.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

11.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv quddiem il-membri l-oħra tal-Kunsill.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku informa li wara laqgħa bejn l-organizzaturi ta' Festa Frawli li saret ftit jiem qabel, kien ġie deċiż li Festa Frawli 2020 kienet ser titħassar minħabba il-prekawzjonijiet minħabba it-tixrid tal-COVID-19.

## 11.4 Korrispondenza

11.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra.

## 11.5 Temi oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

11.5.1 Ittieħdet id-deċiżjoni li jinxtraw 3 siġġijiet għall-istaff tal-Kunsill biex dawn ikunu aktar ergonomiċi.

11.5.2 Peress li issa l-evalwazzjoni tal-proċess tas-sejħa għall-offerti tal-knis u tindif fit-toroq huwa prattikament konkluż, il-kuntrattur kurrenti, EC Municipals, ser jiġi infurmat li s-servizz tiegħu jiġi fit-tmiemu fl-aħħar ta' Marzu.

11.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq Riżoluzzjoni numru 8.11/1/2020 li tgħid hekk :

***Talba għall-amministrazzjoni ta' binja pubblika :*** *Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr, waqt il-laqgħa numru 8.11 li saret nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu 2020, approva unanimament li ssir talba formali mal-Awtorita' tal-Artijiet permezz tad-Dipartiment għall-iStrateġija u l-Implimentazzjoni tal-Policy tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jamministra propjeta pubblika li tikkonsisti f' binja ta' 2 sulari li tinsab fi' Triq Andrea Deguara, kantuniera ma' Triq il-Plejju, biswit il-ground tal-football, l-Imġarr.*

Ir-Riżoluzzjoni ġiet approvata unanimament mill-membri kollha tal-Kunsill.

11.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kwotazzjoni mingħand Transient dwar dwal LED dekorattiv għal mal-faċċata tal-Kunsill, biex il-Kunsill ikun jista' jagħmel dwal ta' kuluri differenti skont il-bżonn biex juri s-sapport tiegħu f' inizzjattiv soċjali matul is-sena. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

## 11.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

11.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iSkeda tal-Pagament numru 3/2020 li kienet tammonta għal €49,655.32.

11.6.2 Din l-iskeda ġie approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 11.7 Prekawzjonijiet dwar il-COVID-19

11.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku taw inormazzjoni dwar diversi miżuri li ttieħdu biex jilqgħu kontra t-tixrid tal-virus COVID-19. Dawn kienu jinkludu:

- Twaqqaf kors li kien ser isir dwar Protezzjoni tad-Data u GDPR fis-Sala tal-Kunsill;
- Tħassru clean-ups li kienu ser isiru fil-Ġnejna;
- Tħassar kull meeting jew laqgħa tal-Kunsill u l-istaff u qed isir sforz sabiex dawn isiru fuq mezzi teknoloġiċi mingħajr il-bżonn li wieħed jiltaqa' personalment;
- Ġie magħluq iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-anzjani;
- Ġew imwaqqfa il-laqgħat kollu li kien ikun ospitati fi-bini tal-Kunsill, bħalma kien tat-tagħlim tal-banda, il-laqgħat b' tema Mġarrija, is-sezzjonijiet ta' Aqra Miegħi, etc.,
- Ġie ordnata skrijn prottettiv biex jiġi installat fuq il-desk biex jipproteġi lill-impjegati;
- Ġie installat sanitizers, tissues, etċ fuq kull desk għall-użu tal-pubbliku u inxtraw oħra għall-użu tal-istaff;
- Ġew installati avviżi mal-bandli u l-gym ta' barra biex in-nies ikunu responsabbli u jevitaw milli jużaw postijiet simili;
- Qed issir arranġament sabiex l-istaff tal-Kunsill ikunu jistgħu jibqgħu jaħdem mid-dar f' każ ta' kwarantina jew lock-down. Qed jiġi installat software apposta kif ukoll qed jiġi evalwat x' makkinarju hemm bżon bħal-laptops, etċ.

## 11.8 Proġett tal-Mixtla tal-Facciol

11.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' rendikont tal-laqgħa li, flimkien mas-Sindku, kellu mad-Direttur tal-Gvern Lokali is-Sur Christopher Galea u staff tiegħu fuq il-proġett tal-Mixtla tal-Facciol. Dan wara li kienet ħarġet sejħa għall-offerti għax-xogħol relatat ma' dan il-proġett u l-Kunsill ma kienx irċieva l-ebda' offerta. Għaldaqstant, il-Kunsill kien talab lill-Ministru permezz tad-Dipartiment sabiex jingħata 'Direct Order' lill-kumpanija CL Construction Ltd. Wara li beda' ix-xogħol fuq il-proġett, il-Kunsill ġie mgħarraf li din il-kumpanija kienet ser tiġi likwidata.

11.8.2 Id-Dipartiment ta' l-parir li l-Kunsill jieħu parir legali dwar din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill għalhekk ħa l-parir tal-Avukat tiegħu, Dr. Raphael Fenech Adami, u saret skrittura sabiex jiġi tterminat il-kuntratt ta' bejn il-Kunsill u il-kumpanija. Din l-iskrittura ġie iffirmata mis-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-likwidatur tal-kumpanija.

## 11.9 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

11.9.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal nhar it-Tnejn, 20 ta' April 2020, fil-5:30pm.

10.4.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6:27pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |